XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 12**
**31 ta' Jannar 2014 fl-4:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sinjurina Kristy Sciberras | Ambaxxatrici tal-Vot 16 |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 11 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Performance Bonus**

   Il-Kunsill qabel li s-Segretarja Ezekuttiva għandha tiehu 10% performance bonus u l-Assistant Principal għandha tiehu 6% skont il-ligi. Is-Segretarja avzat lil Kunsill li l-Assistant Principal baqghala pendenti 6.75 siegħat Vacation Leave minn tas-sena 2013. Il-Kunsill qabel li dawn jigu akkumulati mas-sena 2014. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni ukoll li hi s-Segretarja Ezekuttiva baqgħala pendenti 178.50 sieghat Vacation Leave minn tas-sena 2013 peress li dejjem kien hemm ix-xoghol il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave tas-Segretarja Ezekuttiva tas-sena 2013 għandu jigi akkumulat għas-sena 2014.

3. **Mgarr ix-Xini Regional Park**

Kien prezenti s-Sur Wally Terribile li huwa l-Project Manager ta' dan il-progett. Hu kien prezenti peress li kienet saret laqgħa fil-Kunsill Lokali ta' Sannat rigward il-Progett ta' Mgarr ix-Xini u peress li l-Kunsilliera ma kienux prezenti s-Sindku tagħlab lis-Sur Terribile jigi jitkellem fuq dak li kien gie diskuss dakinhar. Is-Sur Terribile irrangrazzja lil kunsill ta' l-istedina u wera x-xewqa li kulhadd jattendi għal-laqgħat li jsiru fuq dan il-Progett. Wally Terribile qal li l-intenzjoni ta' dan il-Progett hu li biex jitgawda minn ta' warajna. Dr. Monica Vella staqsiet jekk dak li kien gie diskuss qabel fuq dan il-progett bejn iz-zewg kunsilli kien ser jigi '*trashed*' jew le. Wally Terribile qal li le izda jigi mibni aktar fuq li kien gie diskuss qabel. Wally terribile staqsa jekk kienx sar xi tip ta' feasibility report fuq il-pumping room biex filkas issir dan l-istudju. Wally terribile qal li irridu aktar fondi biex issiru aktar ricerki, skavar etc. Hu kompla jgħid li trid timtela applikazzjoni tal-EU. Wally terribile qal lil Kunsill li jekk jigi identifikat xi haga li hemm bzonn issir għandna ninfurmawh qabel timtela l-applikazzjoni tal-EU. Wally Terribile halla kopja tal-Presentation li kien sar fil-laqgħa fil-Kunsill ta' Sannat. Is-Segretarja ser tagħmel kopja u tqassam il-Kunsilliera kollha. George Zammit gibet l-attenzjoni biex issir bil-miktub jekk Wally Terribile u t-team tiegħu hux ser jithallas, jekk il-progett ma jigix awarded fondi x'jigri mill-ispejjez involuti bhal permessi tal-MEPA etc. Il-Kunsill qabel. Dr. Monica Vella qalet li hi ma taqbilx li jinbidel l-isem ta' dan il-progett li ilu għaddej mis-sena 2003. Dr. Monica Vella qalet li kieku sew ikun hemm xi hadt ieħor jipprezenta lix-Xewkija ukoll. Il-Kunsilliera Jeanelle Vella qalet li hi kieku taqbel li jkun hemm Dr. Monica Vella tidher ghax-Xewkija peress li hi ilha involuta f'dan il-Progett u taf sew fuqu. Il-Kunsill qabel. Dr. Monica Vella qalet li hi lesta li tagħti spjegazzjonijiet fuq li kien gie diskuss fil-passat fuq dan il-Progett u fuq korrispondenza li saru.

4. **Karnival 2014**

Il-Kunsill qabel li għandhom jieħdu sehem il-Banda Prekursur bhas snien ta' qabel. George Zammit ssugerixxa li din tibda min Triq il-Ħamrija. Il-Kunsill qabel li din tibda minn Triq San Bert u tispicca fi Pjazza San Gwann Battista. F'din il-gurnata ser ikun hemm ukoll l-kompetizzjoni tal-kostumi, karrijiet u sehem ta' diversi zeffiena. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir l-kukkanja bhas soltu imma din id-darba fil-Pjazza.

5. **Kwotazzjonijiet**

i. Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet għal zewg komputers (peress li mhux jaħdmu wieħed għal-Assistant Principal u ieħor għal-kamra ta' l-internet centre):- Island Tech €700 u €540, ICS €599 VAT incl. u €479 VAT incl., Smart Technologies €540 VAT excl. Leasing €16.20 monthly excl VAT u €19.12 monthly excl VAT. Il-Kunsill qabel li jintagħlab pariri mingħand espert tekniku u nimxu skond dan il-parir.

ii. Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet għal bieb ta' l-aluminum fil-librerija (peress li qed jidħol l-ilma tax-xita). Najsija Aluminum €377.60 vat incl., John Galea €354 vat incl. Il-kunsill għazel l-orhos offerta ta' John Galea.

iii. Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet għal PA system fil-Karnival 2014. Pro Stage €1,150 VAT incl u Power Sound €1,062 VAT incl. Il-Kunsill qabel li jintaghlab l-insurance ta' Power Sound u jekk dan għandu insurance jintgħazel l-orħos wiehed li hu ta' Power Sound.

iv. Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni waħda ta' Kiri ta' Mobile Toilets fil-Pjazza San Gwann Battista. Micheal Refalo €11.80 daily VAT included. Il-Kunsill għazel din il-Kwotazzjoni.

## 6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Il-Kunsill qabel li peress li l-ħaddiema li kienu fil-latrina tal-Pjazza San Gwann Battista kienu gew transferiti f'raħal ieħor mill-Cleansing Services Section peress li qed issir xogħol fuqha il-Kunsill m'għandux iħallas il-kontijiet ta dan iz-zmien u li għandu iħallashom il-Kunsill l-ieħor. Kien hemm il-Kont ta' Novembru u Dicembru 2013 f'din il-laqgħa li kien hemm qbiel li ma jitħallsux. Is-Sindku qal li meta sar jaf b'dan tagħlab biex dawn jigu jagħtu servizz ieħor madwar ir-raħal tax-Xewkija.

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

Dr. Monica Vella staqsiet hemmx xi kontijiet oħra. Is-Segretarja infurmat li m'hemmx.

## 7. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

### Mill-Korrispondenza

i. Email mingħand Isabella Camilleri Aquilina fuq Skema dwar Aċċesibilta' aħjar
ii. Memo 34/2013 dwar Sejħiet għall-offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-dawl fit-toroq
iii. Email mingħand Gozo College Xewkija Primary dwar Jum is-Siġar 2014
iv. Email mingħand Maria Zammit dwar 'Appraisal Reports u Performance Bonuses' lis-Segretarji Eżekuttivi
v. Memo 33/2013 dwar nfiq tal-Kunsilli Lokali
vi. Email mingħand Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar kors ta għaxar sessjonjiet
vii. Memo 1/2014 dwar għeluq tas-sena finanzjarja
viii. Memo 3/2014 dwar Kuntratti u/jew sejħiet għall-offerti tal-Kunsilli Lokali dwar skart
ix. Memo 2/2014 dwar Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt
x. Email mingħand Ray Abela dear Stedina ta' 'launching' ta' TCTC tal-kumpless ġdid
xi. Korrispondenza mingħand Banda Prekursur fuq il-Lagħa Ġenerali Annwali 2014
xii. Email mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar 'Reminder' fuq Konferenza 'My Europe'

XEWKIJA

xiii. Email mingħand Jeanne Marie Borg fuq Konsultazzjoni Pubblika fuq 'Interreg Europe and Sea'
xiv. Email mingħand Pio Farrugia dwar postijiet vakanti mill-ħaddiema tal-ETC
xv. Email mingħand Ivana Farrugia ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju 'Familja Qalb tad-Deheb'
xvi. Email mingħand Christopher Galea dwar referenza għad-direttiva li ħarġet permezz ta' Memo 34/2013
xvii. Email mingħand kumitat tal-Vote 16 dwar Ambaxxaturei Lokali
xviii. Email mingħand Marie Jeanne Borg dwar Żieda għal Ċirkulari Numri DLG 1/2014 dwar kors fil-kitba fil-Malti
xix. Memo 31/2013 dwar identifikazzjoni ta' Binijiet fil-lokalitajiet – tigdid tal-ID cards
xx. Korrispondenza mill-MEPA fuq Installar ta' monument tal- vitmi tal-gwerra
xxi. Korrispondenza mill-MEPA dwar Triq tal-Ħorob
xxii. Korrispondenza mill-MEPA dwar Full development permission fuq l-interpretation centre fil-Ġnien ta'Blankas
xxiii. Korrispondenza mil-MEPa dwar full development permission fuq l-extension tal-Kunsill u change of use.
xxiv. Memo 5/2014 dwar Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal Streaming tal-Laqgħat online. Il-Kunsill qabel li japplika u ser tinhareg tender.
xxv. E mail minghand id-Dipt. Ghall-Gvern Lokali dwar live streaming.
xxvi. Email minghand Sarah Inguanez resident dwar restawr ta' statwa antika mad-dar tagħha. Is-Segretarja ser tibghatilha lura li peress li l-propjeta hija privata r-restawr ghandu jsir minn naha taghha.
xxvii. '*Change of Perit form*' minghand il-Perit Lino Bianco rigward ilgirna fil-Gnien ta' Blankas.
xxviii. E mail mingħand il-WSC rigward spiza aktar ta' 1,655,24 fuq tlett toroq tal-PPP. Dr. Monica Vella talbet lis-Segretarja tara mal-WSC fuq dan peress li l-kunsill ma kienx gie informat qabel.
xxix. Ittra mingħand il-Gozo Greyhounds Youth Atletic Club rigward the Gozo Clean & Green 2014 gox-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jinghataw boroz, transport u ingwenti lit-tfal biex issir it-tindif fir-rahal.
xxx. Email mingħand Colin Attard rigward il-Gaulitana. Il-Kunsill ser jiehu decizjoni fil-laqgha li jmiss.
xxxi. E mail mingħand Ghaqda Drammatika Xewkija rigward il-Fidwa 2014. Il-Kunsill qabel li din għandha terggha issir fuq jumejn u gurnata prova. Il-Kunsill qabel ukoll li jibdew jingabru l-kwotazzjonijiet tal-PA system, dawl etc.
xxxii. E mail mingħand Schemes Unit dwar il-Live Streaming. Il-Kunsill qabel li biex ma jintilfux il-fondi taht din l-iskema tinħareg tender. Is-Segretarja għandha tibda l-process tat-tenders.
xxxiii. Cirkulari AGL Cirk 82/2013 dwar assikurazzjoni tal-Flus 2014.
xxxiv. Ittra mingħand Gozo NGOs Association rigward li l-Sbandieratori gew posposti.
xxxv. Stima mingħand Ozone Centre għal servizz tat-telephone fl-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill taghlab lis-Segretarja tara ma liema kumpaniji/Kunsilli din il-Kumpanija qed tahdem.
xxxvi. Ittra mingħand Project Selection Appeals Board rigward rifjut tal-Fondi tal-ERDF 325.

XEWKIJA

.

## 8. Affarijiet Ohra

i. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li Triq il-Mitħna li kienet ser issir mill-Kunsill ser issir mill-Ministeru għal Għawdex. Hu qal li anke partijiet minn Triq San Bert ser issir mill-Ministeru għal Għawdex. Wara diskussjonijiet fit-tul intlaħaq ftehim bejn iz-zewgt partijiet fejn gie stabilit li l-Ministeru għal Għawdex ser jagħmel tajjeb għal kisi ta' dawn iz-zewgt toroq u dawn gew ppubblikati fil-gazzetta tal-gvern tad-29 ta' Novembru 2013.

ii. Is-Sindku qal ukoll li qed issiru diskuzzjonijiet rigward li ser issir trinka li tgħaddi mix-Xewkija għal-Sannat u ħafna mit-toroq fix-Xewkija ser issirilhom kisi mill-gdid mill-Ministeru għal Għawdex. Dr Monica Vella qalet li Triq San Bert għadha bil-garanzija taħt il-kuntratt. Dr. Monica staqsiet sa fejn ser issir il-kisi fi Triq Jean de la Vallette u qalet li l-pjan tal-kunsill ta' qabel kien li t-triq isir sar-residenzi biss u ma tidholx fil-parti li hemm il-fabbriki. Dak il-ħin saret mistoqsija mingħand Jeanelle Attard jekk hux sa fejn tan-Nut. Il-Vici Sindku qalet li qed tirreferi għal tan-Nut ta' Teresa ta' l-Abjad. Is-Sindku qal li sa fejn l-arblu tal-Go peress li hemmhekk huwa ir-responsibilita' tal-Kunsill tax-Xewkija.

iii. Is-Segretarja uriet korrispondenza rigward is-servizzi tad-dranagg. Dr Monica Vella staqsiet jekk is-Sindku kien qed jirrifieri ghal main jew ghas-servizzi tad-djar. Is-Sindku qal li kien qed jirrifieri ghas-servizzi tad-djar. Dr. Monica Vella qalet li hi ma taqbilx li s-servizz tad-dranagg isiru mill-Kunsill fi Triq il-Mitħna ghax dawn ma jaqawx taht ir-risponsibilita' tal-Kunsill, imma huma r-responsibilita' tar-residenti u isiru minnhom. Is-Sindku qal li x-xoghol ried isir urgenti u kulhadd gie infurmat b'email fejn il-kunsilliera Jeanelle Attard, George Zammit, Domenic Zerafa u hu s-Sindku kollha qablu li din issir mill-fondi tal-Kunsill. Dr. Monica Vella qalet li ma taqbilx li l-attivitajiet u kontijiet ma jitgħaddewx mill-laqgħa u tintbagħat e-mail. Is-Sindku qal li f'kazijiet ta' urgenza biss qed tintbagħad e mail. Is-Sindku qal li wara li tkun intbagħtet e mail b'risposta lura mill-kunsilliera b'email jew telephone u tkun ittiehdet id-decizjoni qed terggha tkun mghoddija fil-laqgħa tal-kunsill li jkun imiss biex tigi imnizzla fil-minuti. Is-sindku qal li jekk ma trangawx minn naħa tal-Kunsill dawn id-dranaggi ma kienux ser jibdluhom in-nies peress li kienu moqdijin u dawn kienu fi stat ħazin ħafna wara parir minghand il-Perit John Saliba u l-Perit tal-Gvern Anglu Portelli u dawn gew verifikati x'hin inkixfu. Is-Sindku kompla jgħid illi peress li ga inghat il-katusi qeghdin fi stat hazin hafna wara l-parir li inghata kien kompetu taghna li niehdu decizjoni li nibdluhom halli t-triq ma tergax titqatta ghax tkun ir-responsibilita' taghna.

XEWKIJA

Hu kompla jghid li wara li ghaddew erbghin sena li ma sarx manutenzjoni u kisi tat-tarmak konna inkunu rresponsabbli li ma hadnix din id-decizjoni ghal gid tar-residenti tax-Xewkija.

iv. Is-Sindku qal li gie avvicinat mis-Surmast ta' l-iskola tax-Xewkija fejn gie diskuss biex jigu imħajrin aktar tfal jattendu l-Iskola Primarja tax-Xewkija peress li qed jattendu skejjel barra mir-rahal. Is-Sindku qal li l-ħsieb kien li biex inkomplu inħajru l-genituri jirrigistraw fl-iskola tagħna u kien il-hsieb li tingħatalhom xi ħaga zgħira mill-Pre Kinder. Dr Monica Vella qalet li dan il-leaflet kien ga tqassam fid-djar qabel il-laqgha tal-kunsill Jeanelle Attard u Monica Vella qalu li jaqblu mal-kuncett li jitħajru aktar tfal jattendu l-iskola tax-Xewkija izda ma jaqblux fejn jingħatalhom pakett edukattiv. Jeanelle Attard qalet li trid klarifikazzjoni ta' x'hiex jikkonsisti dan il-pakett. Dr Monica Vella qalet li tagħmel karotta huwa insult. Monica qalet li din kellha tgħaddi mil-laqgħa qabel. Domenic Zerafa qal li m'għandu l-ebda oggezzjoni rigward dan, hu qal li ideja tajba u qabel mas-Sindku. Is-Sindku qal li ma sar xejn ħlief is-surmast bagħat korrispondenza biex ihajjar il-genituri u ma inxtara xejn għadu.

v. Is-Segretarja wriet l-kwotazzjonijiet għal telefone cellulari tal-Kunsill Lokali. (Memo 21/2013) mingħand zewg kumpaniji Go u Vodafone. Il-Kunsill qabel li jinxtara mobile biex jigu iffrankati l-flus minn mobile għal mobile u jintuza fl-attivitajiet tal-Kunsill. Dr. Monica Vella u Jeanelle Attard issugerixxew li jekk possibli jintuza hu biss fl-ufficcju.

vi. Il-Kunsill ircieva l-istima tal-bozza fi Triq Gidi. Dr Monica Vella gibdet l-attenzjoni li peress li din triq gdida minghajr drenagg u kisi tat-tarmak din trid issir mill-Gvern Centrali. Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Enemalta u l-Gvern Centrali infurmawna li peress li mhux triq arterjali trid issir minn naha tal-Kunsill.

vii. Is-Sindku infurma li intbagħtet email lill-kunsilliera kollha fejn gew infurmati li ser isiru erbgħa flower pots hdejn il-kappella tal-Ħniena. Is-sigar gew mogħtija b'xejn mill-agrikultura u kien hemm il-bzonn tal-pots biss urgenti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard, George Zammit u Domenic Zerafa infurmaw lis-Segretarja li m'għandhomx ogezzjoni biex jinxtraw il-pots.

viii. Is-Sindku infurma li intbagħtet e mail lill-kunsilliera kollha fejn gew infurmati li rigward it-tizjien tal-milied riedu jinxtraw xi energy saver bulbs peress li l-antiki li nħarqu m'għadhomx jinsabu fis-suq. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard, George Zammit u Domenic Zerafa infurmaw lis-Segretarja li m'għandhomx ogezzjoni biex jinxtraw l-bozzoz.

**9. <u>Ilmenti u suggerimenti</u>**

i. Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn li titranga it-triq hdejn il-heliport biz-zrar mir-razzett ta' l-ikħal sa tal-pasalun peress li hemm gandott kbir. Il-Kunsill qabel li titranga.

ii. Is-Sindku qal li l-haddiema taghna qed jaghmlu xoghol mal-Kunsill bhala patching, hitan tas-sejjieh u li hemm bzonn.

iii. Suggeriment biex teħel bozza gdida fi Sqaq fi Triq S. Publius għax mudlam. Il-Kunsill qabel biex issir l-procedura ta' l-applikazzjoni għal-bozza gdida.

**10. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa spiccat fid-9:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |